MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 188/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta’ April 2008 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kienu għarajjes u mir-relazzjoni tagħhom twieldet il-minuri X fid-disgħa (9) ta’ Lulju 2002;

2. Illi tali relazzjoni ntemmet żmien ilu;

3. Illi madankollu, l-esponenti dejjem baqa’ juri l-akbar interess f’bintu;

4. Illi l-partijiet kienu ftehmu jiem u ħinijiet li fihom l-esponenti jkollu l-fakulta' ta' l-aċċess għal bintu X. Minkejja dan, l-intimata frekwentement teludi t-tentattivi ta' l-esponenti li jeżerċita tali aċċess, u dan permezz ta' gideb, ħabi u qerq bil-għan li jiġi frustrat l-aċċess ta' l-esponenti, li anke rrikorra għall-proċess ta' medjazzjoni sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni fl-aqwa interess tal-minuri;

5. Illi minkejja li matul il-medjazzjoni kien ġie stabbilit mill-esponenti għal bintu, u dan skond rapport u rakkomandazzjoni tas-*social worker* Ms. Josette Camilleri, l-intimata sabiex ossia ħolqot kull diffikulta immaġinabbli sabiex dan l-aċċess ma jseħħx, tant li l-esponent kien u għadu mċaħħad minn bintu minuri, u dan bi sfida għad-digriet *de quo* ta' dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi fil-fatt, l-esponent jemmen li l-intimata għandha kull intenzjoni li tnessi lill-minuri minn missierha, u dan billi qiegħda regolarment tesponi lill-istess minuri għall-preżenza ta' għarus iehor tagħha, bil-għan li dan ta' l-aħħar eventwalment jissostitwixxi lill-esponenti fit-trobbija tal-minuri X;

7. Illi *di piu*, l-esponent iħoss li l-intimata m'hijiex l-aktar persuna idonea li tkun affidata bil-kura u l-kustodja ta' bintu, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja:

1. tassenja l-kura u kustodja tal-minuri X lill-esponenti bl-esklużjoni ta' l-intimata;

2. tiffissa il-jiem, ħinijiet u kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-intimata jkollha aċċess għall-imsemmija minuri;

jew inkella, alternattivament, sussidjarjament u bla preġudizzju għat-talbiet preċedenti, f'każ li dawn ma jintlaqgħux:

1. tiffissa definittivament il-jiem, ħinijiet u kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-esponent ikollu aċċess għall-imsemmija minuri;

u dan kollu taħt kwasiasi provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk konnessi mal-proċedura tal-medjazzjoni bin-numru 1048/2006CD, kontra l-konvenuta, li hi minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentatata, ppreżentata fil-5 ta' Ġunju 2008, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi jidher illi r-rikorrenti qiegħed jittanta jirbaħ il-kura u kustodja solament għar-raġuni illi skond hu l-esponenti qed jinnegalu l-aċċess għat-tifla X;

2. Illi għalkemm din il-premessa ma tiġġustifikax it-talba għax hija *non sequitur* għax li huwa mportanti hu l-*ben essere* tal-minuri u dak allegat mhux minnu;

3. Illi in effetti hi qed tesebixxi lista ta' messaġġi li rċeviet fuq il-linja ċellulari tagħha fejn jidher kemm-il darba l-istess rikorrent ġab xi skuża jew oħra biex ma jmurx għat-tifla hawn annessa u mmarkata Dok. A;

4. Illi ma tantx jidher illi għandu għal qalbu l-minuri u dana *stante* li mhux qed jikkontribwixxi kif patwit għall-ispejjeż tal-minuri;

Illi għal dak li jikkonċerna t-talba alternattiva għandu jingħad is-segwenti:

1. Illi l-esponent qed tirriskontra diffikultajiet kbar biex tibgħat lill-minuri tara lir-rikorrent. Din it-tifla fi ftit kliem taqla' xenati kbar u assolutament ma tkunx trid tmur ma' missierha;

2. Illi *inoltre* minħabba fir-relattanza tagħha illi tara lil missierha din it-tifla qed issofri problemi psikoloġiċi kif jista' jiċċertifika l-psikoterapista Dr. Charles Cassar;

3. *Inoltre* l-esponenti għandha provi li jindikaw li r-rikorrent ma jġibx ruħu sew mal-minuri meta din tkun għandu u anke ġieli uża vjolenza fuqha kif ukoll idaħħal f'postijiet mhux addattati għaliha bħal *bars*;

4. Illi għalhekk jidher opportun illi qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward għadha tinnomina persuna idonea ossia jew *social worker* jew *child psychologist*;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-partijiet u tal-membri tal-familja tagħhom u semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-rikorrenti qed jagħmel żewg talbiet, u ċioe' li jingħata l-kura u kustodja tal-minuri msemmija, u subordinatament li jigi akkordat aċċess għall-istess minuri *stante* li dakinhar li ippreżenta r-rikors ma kienx qed ikollu ebda aċċess.

Kif jidher mir-rikors il-partijiet m'humiex miżżewġa u l-konvenuta kellha t-tifla msemmija matul ir-relazzjoni li kellhom. Kif sfortunatament jiġri spiss inqala' ħafna disgwid dwar l-aċċess għaliha matul dan iż-żmien sakemm saret il-kawża.

Il-Qorti ipprovdiet proviżorjament fir-rigward permezz ta' digriet tagħha tat-18 ta' Diċembru 2008 madankollu fis-

seduta tad-9 ta' Jannar 2009 psikologa li tahdem fl-Aġenzija Appoġġ Louisa Eminyan, spjegat li kien hemm diffikolatjiet kbar biex jiġi eżerċitat l-aċċess għaliex it-tifla trid dejjem lil ommha preżenti. Naturalment dan fiċ-ċirkostanzi huwa diffiċli li jsir jekk l-aċċess isir kif għandu jkun. Il-Qorti għalhekk dakinhar stess tat digriet ieħor li permezz tiegħu ordnat illi l-aċċess isir permezz ta' żewġ sessjonijet ta' siegħa kull darba taħt supervizjoni fil-bini ta' l-istess Aġenzija Appoġġ. Sfortunatament permezz ta' nota preżentata fl-20 ta' Frar 2009 l-istess Aġenzija nfurmat lill-Qorti illi *"minħabba nuqqas ta' riżorsi l-Aġenzija esponenti m'hijiex f'pożizzjoni li tattwa dan l-aċċess b'mod immedjat peress li hemm waiting list twila għal dan is-servizz".* Sfortunatament din mhix l-ewwel darba li dan ġara quddiem din il-Qorti u dan il-fatt qed ikun ta' ħsara kbira għall-partijiet konċernati, kif ukoll iżomm lura ħafna l-effiċjenza tad-digrieti u sentenzi li tagħti din il-Qorti. Huwa żgur li dan l-istat ta' fatt m'għandux jibqa' għaddej.

Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-kura u kustodja tal-minuri msemmija għandha tibqa' affidata f'idejn il-konvenuta, iżda naturalment għandha diffikolta notevoli kif se tordna l-aċċess għaliex mhux ġust lanqas li l-attur jiġi privat mill-aċċess minħabba nuqqas burokratiku. Kwindi m'għandhiex alternattiva ħlief li tordna aċċess normali u tispera illi l-minuri bi preparazzjoni dovuta mill-konvenuta tagħraf tadatta ruħha għaċ-ċirkostanzi.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talba ta' l-attur fir-rigward tal-kura u kustodja u tassenja l-istess lill-konvenuta, tordna li l-attur ikollu aċċess nhar ta' Erbgħa bejn il-5:00 p.m. u s-6:30 p.m., u nhar ta' Sibt bejn il-11:00 a.m. u s-6:00 p.m.**

**Spejjeż fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa. Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi komunikata lill-Ministru tal-Politika Soċjali u lill-Kummissarju għat-Tfal għall-informazzjoni tagħhom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------